**Ir-Regina Elizabetta II u l-Laqghat Maghha:**

**Esperjenza ta' Mara Umana**

**Marie-Louise Coleiro Preca**

Kienu diversi drabi l-laqghat tieghi mal-Majesta' Taghha r-Regina Elizabetta II, kemm f'Malta kif ukoll fir-Renju Unit.

Kull laqgha li kelli maghha kemm jekk kienet fuq livell bilaterali, kif ukoll jekk mhux laqtitni bhala persuna umana hafna u li ssorprendietni mhux ftit bis-sens ta' konnessjoni li kellha man-nies.

F'zewg okkazjonijiet partikolari darba f'Marzu 2015, f'Mayfair House gewwa Londra u darba ohra fil-Palazz ta' Sant' Anton, f'Novembru 2015 gewwa Malta, fejn fiz-zewg okkazjonijiet kien hemm madwar 300 ruh, gejt mistiedna biex indur mar-Regina biex niltaqghu man-nies.

Il-Majesta' Taghha, ma kienetx sempliciment taghmel dmirha billi tiltaqa' man-nies u sselmilhom, izda ma' kull persuna li ltaqghet tkellmet u dahlet f'konversazzjonijiet qosra. Kont mghaggba b'dan il-fatt, ghaliex mhix haga facli li tqatta' l-hin ma' kulhadd titkellem meta l-gemgha tkun daqshekk kbira. Ghar-Regina Elizabetta dan ma kienx jaqtaghlha qalbha u ghaldaqstant qattghet hin twil biex tassigura li titkellem ma' kulhadd.

Dan il-fatt li esperjenzajt personalment maghha wera bic-car ghaliex kienet daqstant irrispettata. Ir-rispett ma gabitux ghaliex kienet ir-Regina, izda ghax hadmet ghalih tul hajjitha.

Min-naha l-ohra fuq livell ta' laqghat bilaterali u formali, xorta kienet issib il-hin biex nitkellmu dwar affarijiet relatati mal-hajja ta' kuljum.

Fil-fatt l-ewwel laqgha tieghi maghha meta stednitni Buckgham Palace, kont infurmata li l-laqgha kellha tiehu 20 minuta, izda l-laqgha taghna hadet 40 minuta.

Kienet persuna li minkejja l-istatura taghha ta’ rjali, kienet persuna li tista’ titkellem maghha b’mod komdu.  Kienet persuna wkoll li zzomm ruhha infurmata, u bis-sens ta’ dover izda wkoll bis-sens ta’ hbiberija kellha, kont thossok komda titkellem maghha.